**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru 167/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**-omissis-**

**Illum, 23 t'April 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

> **"-omissis-**;
>
> U nakkuza talli nhar l-20/03/2021 ghal habta ta' 10AM u fis-sieghat u/jew fil-granet u/jew gimghat u/jew xhur u/jew fis-snin ta' qabel gewwa Sliema, Haz-Zebbug u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Uzat vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel jaghmel, thalli ssir, jew tonqos milli taghmel xi haga, jew sabiex tnaqqas l-abilitajiet jew tizola jew tillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment tar-ragel taghha u cioe’ -omissis- li jigi wkoll missier bintha -omissis- u dan waqt li kien qed jghix maghhom.

2. Ikkagunat lil konjugu taghha li jigi missier binthom -omissis- u cioe’ -omissis-, fastidju meta gabet ruhha b’mod li misset kienet taf li kienet qed tkun tali u li twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq ta’ dan id-delitt.

3. Ikkagunat lil konjugu taghha li jigi missier binthom -omissis- u cioe’ -omissis-, biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tieghu u li twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u li twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq ta’ dan id-delitt.

U nakkuza talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet, cirkostanzi:

4. Volontarjament hasret jew ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas minn €2,500 ghad-dannu ta’ -omissis-.

5. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, li barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil konjugu taghha li jigi missier binta -omissis- u cioe’ -omissis- kontra l-volonta’ tieghu.

6. Insulentat, heddedt jew ingurjat bi kliem jew b’mod iehor lil -omissis-.

7. Ghamlet ingurji jew theddid mhux imsemmijja band’ohra fil-kodici kriminali lil -omissis- jew, jekk kienet ipprovokata, ingurjat b’mod li harget barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra, -omissis- a beneficju ta’ -omissis- u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f’kaz ta’ htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta’ -omissis- jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil -omissis- b’obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

Rat u qieset l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat illi fl-ewwel smiegh tal-kawza fis-seduta tas-16 t’April 2021, l-allegat vittma talab lill-Qorti illi jwaqqaf dawn il-proceduri ai termini tal-Artiklu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-qosor**

Illi l-akkuzi kontra l-imputata inhargu wara rapport li sar mill-allegat vittma mal-Pulizija.

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

Illi l-Artiklu 543 tal-Kodici Kriminali jaqra hekk:

> *543. Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
>
> *(a) fil-każ ta' delitti li għalihom il-liġi ma tiddisponix espressament li hija meħtieġa l-kwerela privata;*
>
> *(b) fil-każ ta' reati li jikkonsistu filli jinġiebu armi ipprojbiti fuq il-persuna jew fil-każ ta' reat kontra l-liġijiet dwar is-sajd, il-vetturi jew id-dgħajjes, inkella dwar arti jew sengħa;*
>
> *(ċ) fil-każ ta' reat magħmul kontra persuna li, minħabba xi difett tal-ġisem jew tal-moħħ, ma tkunx tista' tmexxi l-azzjoni kriminali, ukoll jekk ir-reat ikun wieħed li għalih, kieku kien magħmul kontra persuna oħra, kienet tkun meħtieġa l-kwerela privata;*

(d) *fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali;*

(e) *fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*

*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:*

*Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

(f) *fil-każ ta' stupru kif imfisser fl-artikolu 198 ta' dan il-Kodiċi:*

*Iżda, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi stupru tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew,*

> *filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti oħra.*

Illi l-Qrati taghna gia kellhom okkazjonijiet li japplikaw dan l-Artiklu u senjatament is-sub inciz (e).

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Dona Debono** deciza fil-25 ta' Mejju 2017, il-Qorti, dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-kawza **Il-Pulizija vs Mohamed Ramadan** fejn ukoll gie applikat dan l-Artiklu u intqal hekk fir-rigward:

> "Illi skont l-istess tieni proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali l-vittma ta' delitt li jinvolvi vjolenza domestika ghandha s-setgha li titlob li l-proceduri penali dwar reati jinvolvu vjolenza domestika jigu mwaqfa. Jidher li meta l-vittma taghmel din it-talba, is-setgha li jkollha l-qorti mhix daqstant li twaqqaf il-proceduri, daqskemm li tordna li dawn jitkomplew jekk il-Qorti thoss li hemm ragunijiet bizzejjed biex dawn jitkomplew filwaqt li tinghata konsiderazzjoni partikolari ghall-ahjar interess tal-minuri involuti.
>
> Il-Ligi tat is-setgha lill-Pulizija jipprocedu *ex officio* f'kull kaz li jinvolvi vjolenza domestika – irrispettivament minn natura jew forma tar-reat, dment
>
> (a) Li jkun jinvolvi vjolenza u
> (b) Dment li din tkun vjolenza domestika skont l-artikolu 2 tal-Kap 480.

L-Att dwar il-Vjolenza Domestika ma jippreskrivi ebda tifsira ghall-kelma "vjolenza". Dan ghalhekk jista' jinvolvi diversi tipologiji ta' reati li fin-natura taghhom jinvolvu elementi ta' vjolenza. Din il-ligi ma taghmilx distinzjoni dwar dawk ir-reati ta' vjolenza jekk l-azzjoni penali dwarhom hijiex procedibbli fuq il-kwerela tal-privat jew le. Ghalhekk, ladarba l-Ligi hija siekta fuq dan il-punt, jidher li dan l-artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli irrispettivament jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wiehed minn dawk li jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza jew le.

……….

F'dan il-kaz prezenti pero' l-proceduri inbdew *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva in kwantu whud minnhom gew kommessi bi vjolenza domestika kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 2 tal-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser ghalhekk li l-proceduri f'dan il-hlas tmexxew indipendentement mill-kwerela tal-privat u indipendentement mill-azzjoni privata. Ghalhekk anke jekk il-privat jirtira l-kwerela, ladarba l-procediment *ex officio*, il-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali titkompla quddiem il-Qorti ghaliex f'dak il-kaz l-azzjoni ma tigix ritenuta estinta bl-irtirar tal-kwerela.

<u>Izda</u> bl-emendi introdotti fl-2005, gara li f'dawn il-kazijiet (fejn il-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali tkun tiddependi mill-kwerela tal-privat tigi istitwita ex officio minhabba li jkunu kommessi bi vjolenza domestika),

gew rezi applikabbli wkoll id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 543(e).

Dan ifisser li ghalkemm il-procediment ikun immexxi ex officio, l-istess procediment jista' jigi mwaqqaf fuq talba tal-vittma. Ghalhekk il-kontinwazzjoni tal-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (li allura tkun obligata li tibqa' ghaddejja sas-sentenza) issa tista' tigi mitmuma fuq id-decizjoni tal-vittma. Mill-banda l-ohra l-Qorti hija akkordata d-diskrezzjoni li tmur kontra din id-decizjoni tal-vittma u tista' tordna l-kontinwazzjoni tal-proceduri kontra l-allegat awtur.

Id-decizjoni li l-proceduri jitwaqfu hija tal-vittma u mbaghad ikun jispetta ghall-Qorti jekk tiddecidix li tezercita d-diskrezzjoni taghha biex tordna li dawn il-proceduri jitkomplew minflok li jitwaqfu b'decizjoni mill-vittma. L-effett ta' tali decizjoni tal-vittma hija li l-azzjoni penali ma titkomplix li tigi prosegwita. Il-Ligi hija siekta dwar l-effett legali ta' tali decizjoni fuq in-natura tal-azzjoni penali. Il-fatt li l-proceduri penali tkun qeghda tigi estinta – bhal meta sehh xi wahda mir-ragunijiet li in bazi taghhom l-azzjoni penali innifisha tigi mitmuma bhal kazijiet ta' mewt tal-awtur, mahfra presidenzjali, recess tal-kwerela (fejn l-azzjoni titmexxa biss bil-kwerela tal-privat), preskrizzjoni jew ir-*res judicata*. Dan ghaliex jekk tirrizulta xi wahda minn dawn il-fatturi l-azzjoni penali ssir estinta u ebda Qorti ma tista' tordna li l-proceduri jitkomplew. Ladarba estinta l-azzjoni penali tispicca. Mentri dak li jipprovdi t-tieni proviso tal-artikolu 543(e) huwa differenti – fis-sens li

meta l-vittma taghzel li titlob li l-proceduri jieqfu, il-Qorti ghandha s-setgha u d-diskrezzjoni li taghzel li dawn jitkomplew. Kieku bid-decizjoni tal-vittma l-azzjoni penali tigi meqjusa estinta ebda Qorti ma tista' tkomplija taghha ghaliex dak li huwa estint *ex lege* ma jkunx ghad fadallu hajja legali. U ladarba l-procedimenti penali jkun inbeda *ex officio* ikun kontro-sens li l-istess procediment jigi estint bid-decizjoni tal-vittma.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, f'dan il-kaz kontemplat mit-tieni proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali il-ligi tipprovdi ghal sitwazzjoni fejn il-kundizzjoni tal-prosegwiment mill-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali tigi affettwata b'tali mod li ladarba l-vittma tiddeciedi li l-proceduri kontra l-awtur allegat jieqfu, jinholoq ostaklu ghat-tkomplija tal-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali biex b'hekk il-prosekuzzjoni tal-kaz tkun tista' tieqaf hemmhekk; izda, ghar-raguni hawn fuq imsemmija din id-decizjoni tal-vittma ma tistax iggib l-estinzjoni tal-azzjoni penali.

Ladarba d-decizjoni tal-vittma li titlob it-twaqqif tal-proceduri kontra l-awtur allegat ma ggibx l-estinzjoni tal-azzjoni penali, ma tistax titqies li hija decizjoni li tolqot jew tidderimi l-meritu tal-azzjoni penali, u konsegwentement li ghalhekk hija prekluza milli tigi dikjarata mill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja. Ghalhekk dik it-talba tal-parte civile hija ghalhekk proponibbli wkoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja. Fuq din it-talba, il-Qorti imbaghad hija intitolata li jew tilqa' t-talba u b'hekk it-tkomplija tal-

> prosekuzzjoni tal-azzjoni penali tieqaf (ghalkemm l-azzjoni ma tkunx estinta) jew (ladarba l-azzjoni ma tkunx estinta), tezercita d-diskrezzjoni taghha li tordna l-prosekuzzjoni tal-kawza titkompla."

**Il-Provi**

Illi ghajr ghad-dokumenti esebiti ma ttellghu l-ebda provi quddiem din il-Qorti, stante illi l-allegat vittma ressaq it-talba tieghu hekk kif bdew il-proceduri fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kaz in ezami il-proceduri inbdew fuq talba tal-allegat vittma illi ghamel rapport mal-Pulizija fil-konfront tal-imputata, Illi ma hemmx dubju illi l-agir li dwaru rrapporta l-allegat vittma jaqa' fil-parametri tal-ligi dwar vjolenza domestika.

Illi fid-dawl illi l-allegat vittma ghazel li jitlob li dawn il-proceduri jitwaqqfu ai termini tal-Artiklu 543(e) tal-Kodici Kriminali, u dan minn jeddu u hekk kif beda jinstema' l-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi tali talba ghandha tintlaqa' u li hija ghalhekk ma ghandhiex tuza d-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti taht l-istess Artiklu 543(e) tal-Kodici Kriminali u dan fl-interess tal-allegat vittma, ta' bint il-partijiet u tal-bon ordni tal-familja.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilqa' t-talba tal-allegat vittma u tordna li dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputata

jieqfu u konsegwentament twaqqaf dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur